# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Deċiżjoni Nru 2844

# Illum 16 ta' Settembru, 2022

Każ Numru 3862/JG

Fil-Kwistjoni tax-xogħol

Bejn

**Joseph Aquilina (306864M)**

**u**

**Golden Harvest Manufacturing Company Ltd (C 176)**

*Dwar: Tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Gerada FCIPD, M.A.(Mediation), IUKB Suisse, Dip.Applied Soc.Stud.,MAAT**

**Introduzzjoni**

Il-każ kien riferut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' rikors datat 7 ta' Lulju, 2020 permezz tal-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem Joseph Aquilina (306864M). Min-naħa l-oħra s-soċjetà Golden Harvest Manufacturing Company Ltd irrispondiet fl-1 ta' Ottubru, 2020 permezz tal-Avukat Sharon Pace Gouder u l-Avukat Roderick Zammit Pace.

Fir-rigward tal-Artiklu 78 tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal ma setax jiddeċiedi l-każ fil-perjodu stipulat mil-liġi minħabba d-diversi differimenti mitluba mill-partijiet.

Ir-rikorrenti s-Sur Joseph Aquilina kien impjegat mis-soċjetà intimata fuq bażi full time u għal żmien indefinit fejn huwa kien inkarigat li jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-vetturi tas-soċjetà konvenuta u xogħol ieħor kif indikat lilu mis-superjuri tiegħu minn żmien għal żmien.

L-attur huwa wkoll it-tifel ta' wieħed mid-diretturi tal-kumpanija s-Sur Joseph Aquilina (senior). Infatti l-kumpanija hija negozju tal-familja u għalhekk is-Sur Joseph Aquilina kien il-kuġin tas-CEO s-Sur Mark Aquilina u d-direttrici s-Sa Nicholette Aquilina.

Il-konsulenta tal-kumpanija Dr Miriam Pocock kienet għamlet *assessments* ta' l-impjegati dwar l-andament tax-xogħol u l-produttività tagħhom inkluż dak tar-rikorrenti s-Sur Joseph Aquilina. Wara perijodu ta' moneteraġġ tal-*performance* tas-Sur Joseph Aquilina kien deċiż mill-bord tad-diretturi biex l-impjieg tar-rikorrent jiġi terminat nhar il-Ġimgħa 8 ta' Mejju, 2020 minħabba nuqqasijiet gravi u serji li allegatament jiġġustifikaw tkeċċija.

Min-naħa l-oħra s-Sur Joseph Aquilina kkontenda li t-tkeċċija tiegħu mal-intimati kienet mingħajr raġuni tajba u suffiċjenti skont il-liġi.

**<u>Fatti tal-każ</u>**

Is-Sur Joseph Aquilina kien impjegat mas-soċjetà fuq bazi full time fuq kuntratt ta' impjieg indefinit biex jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-vetturi tas-soċjetà u xi xogħol ieħor li jqabbduh is-superjuri tiegħu b'mod partikolari s-CEO is-Sur Mark Aquilina. Dan joħroġ mix-xhieda u mhux minn xi *Job description* – ref rikors datat 1 ta' Ottubru, 2020.

Is-soċjetà hija negozju tal-familja fejn l-azzjonisti huma diretturi fuq il-bord tad-diretturi filwaqt li diversi membri tal-generazzjoni ta' warajhom kienu ingaġġati f'diversi funzjonijiet fil-kumpanija.

**L-Ewwel Assessment**

F'Ġunju ta' 2017 is-soċjetà ingaġġat konsulent indipendenti Dr Miriam Pocock sabiex tmexxi l-kumpanija fl-operat tagħha u tgħin fil-marketing u s-sales filwaqt li aktar tard ħadet ir-responsabiltà tas-sezzjoni tar-risorsi umani.

Fi Frar tal-2018, Dr Pocock għamlet *assessment* ta' kull impjegat inkluż dawk li kienu membri tal-familja biex ikun hemm għarfin ta' dak li kull impjegat kien qed jagħmel u jekk u fejn ikun hemm il-ħtieġa, jsiru l-aġġustament neċessarji – Ref seduta tal-11 ta' Diċembru 2020. Minn dan l-*assessment* ħareġ li s-Sur Joseph Aquilina kien jikkordina x-xogħol tal-manutenzjoni tal-vetturi u mhux jagħmel il-manutenzjoni huwa nnifsu. Kien ukoll rilevat li s-Sur Joseph Aquilina kien jieħu ħsieb il-*pest control* fil-fabbrika l-antika tal-kumpanija fil-Gżira filwaqt li s-CEO u Dr Pocock kienu infurmati li l-ħanut tax-xogħol tal-manutenzjoni ma kienx qed jaħdem iżjed.

Is-CEO is-Sur Mark Aquilina ma kienx kuntent b'din is-sitwazzjoni għaliex skont huwa, x-xogħol tas-Sur Joseph Aquilina kien naqas konsiderevolment, kif indikat mill-affidavit tas-Sur Mark Aquilina mmarkat MA1. Għalhekk, Dr Pocock qalet li hi u s-Sur Mark Aquilina ddeċidew li jagħtu lis-Sur Joseph Aquilina xogħol ieħor jiġifieri li jikkordina r-*refurbishment* tal-garaxxijiet tas-soċjetà fil-Gżira biex ikunu jistgħu jinkrew - ref seduta tal-11 ta' Diċembru, 2020.

**Użu ta' petrol mhux awtorizzat**

Xi żmien wara nstab li s-Sur Joseph Aquilina kien qed jagħmel użu privat minn petrol tal-kumpanija li allegatament, ma kienx intitolat għalih. Waqt diskussjoni fuq il-bord fejn s-Sur Joseph Aquilina ma kienx preżenti, missieru s-

Sur Joseph Aquilina (senior) ħallas is-somma ta' Euros 4497.54 allegatament dovuti minn ibnu għal l-użu ta' petrol mhux awtorizzat. Is-Sur Mark Aquilina fl-ittra tiegħu tas-6 ta' Awwissu, 2018 indirizzata lis-Sur Joseph Aquilina jagħmilha ċara li l-użu tal-petrol għal raġunijiet personali kien sar bla awtorizazzjoni u għalhekk kellu jitħallas lura. Is-Sur Joseph Aquilina jikkontendi illi kien hemm xi diretturi li kienu jafu li kien jagħmel użu tal-petrol għal użu personali u għalhekk irrifjuta li jieħu responsabiltà tal-akkuża li saritlu. Barra minn hekk kien ukoll allegat li r-rikorrent kien jagħmel użu privat minn xi vetturi tal-kumpanija – ref seduta tas-6 ta' Novembru 2020. Iżda, is-CEO s-Sur Mark Aquilina jikkjarifika li użu personali ta' vetturi tal-kumpanija kienet tollerata – ref sottomissjonijiet paragrafu 7.

**<u>It-Tieni Assessment</u>**

F'Ġunju tal-2018 sar it-tieni assessment għal dawk l-impjegati li kienu għadhom qed juri xi problema ta' *performance* jew nuqqas ta' kwalità ta' xogħol. Dr Pocock żiedet li dan l-*assessment* sar lis-Sur Joseph Aquilina biex jaraw eżattament, ir-rikorrenti x'kien qed jagħmel – ref seduta tal-11 ta' Diċembru 2020.

Il-*follow up assessment* jaqra, "Progress noted by Joseph Aquilina" fejn jagħti lista ta' attivitajiet li tlestew segwita minn lista oħra ta' lmenti li s-Sur Joseph Aquilina qajjem matul il-konverżazzjoni li kellu mas-Sur Mark Aquilina u Dr Pocock. L-assessment jispiċċa bil-kliem *"Joseph agreed that by end of July/August he would give the company a quotation and will all be clean. Inform company when to rent to garages."*

Mix-xiehda ta' Dr Pocock jidher ċar li kemm hi u kemm is-Sur Mark Aquilina ma aċċettawx dawn l-ilmenti anzi kienu diżappuntati bil-*performance* tas-Sur Joseph Aquilina liema diżappunt kien jirrifletti l-istess ittra tas-6 ta' Awwissu 2018 fejn tal-aħħar kien mitlub jagħmel xogħlu –

*"You are being formally requested to carry out your duties with the Company as communicated during the recent meeting with Mr Mark Aquilina and Dr Miriam Pocock"* ref sottomissjonijet paragrafu 9.

Minħabba dan u anki xi nuqqasijiet oħra msemmija f'paragrafu 9 tas-sottomissjonijiet; bħan-nuqqas ta' osservanza tar-regola dwar l-ilbies ta' hair net, l-allegat teħid ta' prodotti ta' dulċerija mingħajr ma jħallas għalihom, kif ukoll ċertu allegat attitudni lejn membri oħra tal-familja, Dr Pocock xehdet li s-soċjetà ġiet f'pożizzjoni li ma kellha ebda alternattiva għajr li ttermina l-impjieg tas-Sur Joseph Aquilina.

**<u>Laqgħa tal-Bord tad-19 ta' Ġunju, 2019</u>**

F'din il-laqgħa Dr Pocock qalet li kien rilevat li kien hemm xi nies inkluż membri tal-familja li ma kinux qed jagħtu sehemhom b'mod produttiv lill-kumpanja. F'din il-laqgħa kien diskuss ukoll il-*performance* tas-Sur Joseph Aquilina u għal darba oħra ssemma l-inċident tal-użu personali tal-petrol mhux awtorizzat. Għal din il-laqgħa r-rikorrenti ma kienx preżenti.

**<u>Terminazzjoni tal-impjieg</u>**

Dr Pocock tispjega li f'waħda mil-laqgħat ta' kull ġimgħa u fil-preżenza tas-Sur Joseph Aquilina (senior), kien deċiż li l-impjieg tas-Sur Joseph Aquilina jkun terminat – ref seduta tal-5 ta' Frar, 2021. Is-Sur Mark Aquilina jistqarr li Dr Pocock ma kintix involuta fid-deċiżjoni għat-terminazzjoni tal-impjieg tal-attur għaliex kif qal huwa, din kienet kwistjoni tal-familja, *"hu x'inhu, tifel ta' Direttur"* ref sottomissjonijiet paragrafu 10.

Iżda l-ittra tat-terminazzjoni bid-data 8 ta' Mejju, 2020 kienet miktuba minn Dr Pocock anki jekk kien is-Sur Mark Aquilina li ffirmaha – ref Dok MA.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal kellu quddiemu sitwazzjoni fejn kellu jeżamina żewġ fatturi; l-ewwel jekk kienx hemm raġuni jew raġunijet validi jiġiefieri raġunijiet tajba u suffiċjenti fil-liġi li jiġġustifika tkeċċija u t-tieni, jekk kinux segwiti proċeduri bażiċi ta' ġustizzja naturali qabel ma ttieħdet id-deċiżjoni tat-tkeċċija.

**Negozju tal-familja**

F'ċirkostanzi ta' negozju tal-familja teżisti sitwazzjoni fejn hemm relazzjonijiet familjari li wieħed jeħtieġlu jipproteġi imma hemm ukoll relazzjonjiet lavorattivi li wkoll iridu jiġu maniġġjati tajjeb għall-ġid tan-negozju. Dawn iż-żewġ tipi ta' relazzjonijiet mhux dejjem jistgħu jiġu rikonċiljati kif wieħed jixtieq għaliex mhux dejjem ikollhom l-istess objettiv. Għalhekk f'xi mument jew ieħor dawn ir-relazzjonijiet se jbatu u f'ċertu ċirkostanzi jeħżienu kif ġara f'dan il-każ.

Mhux xogħol it-Tribunal jgħid x'għandu jsir f'ċirkostanzi bħal dawn però żgur huwa importanti li dawn iż-żewġ tipi ta' relazzjonijiet jinżammu separati minn xulxin. Jaf ikun metodu tajjeb li deċiżjonijiet korporattivi jittieħdu minn persuna li hija mħarrġa professjonalment u barranija għal familja, għaliex din tkun ħielsa minn konflit ta' interess fejn jidħlu r-relazzjonijiet familjari u għalhekk deċiżjonijiet lavorattivi jkunu jistgħu jittieħdu skont il-bżonn u mhux skont il-persuna.

Għalhekk it-Tribunal jirrimarka li meta il-bord ħa d-deċiżjoni biex is-Sur Joseph Aquilina jkollu l-impjieg tiegħu terminat, il-fatt li l-uniku persuna barranija għal familja jiġifieri Dr Pocock kienet deliberalment imħollija barra mid-deċiżjoni tat-tkeċċija ta' wieħed mill-membri tal-familja, ma għamlet xejn biex tipproteġi r-relazzjonijiet familjari. Anzi minħabba f'hekk il-familja waħedha, tgħabbiet bir-responsabiltà tad-deċiżjoni. Ir-raġuni li t-tkeċċija għandha ssir minn membri tal-familja biss, għaliex is-Sur Joseph Aquilina huwa membru tal-familja, ma treġġix. Is-Sur Joseph Aquilina ma kienx membru tal-familja biss imma kien impjegat tal-kumpanija wkoll u għaldaqstant ma jistax jiġi trattat la

aħjar u anqas għar minn ħaddiema oħra. Il-konfużjoni fil-konfini bejn ir-rwol familjari u r-rwol lavorattiva kienet ir-raġuni prinċipali għaliex dak li normalment ikun ċar f'kuntest lavorattiv sar daqshekk kumplikat f'dan il-każ partikolari.

In fatti, tul ix-xhieda tiegħu s-CEO s-Sur Mark Aquilina repetutament kien jistenna produttivita u mġiba mingħand is-Sur Joseph Aquilina daqs kull impjegat ieħor fil-kumpanija iżda minn naħa l-oħra kien jittollera prattici u mġiba li ma kinux permessi għall-impjegati oħra. Dan kien jagħmlu għaliex is-Sur Mark Aquilina kien iqis lis-Sur Joseph Aquilina bħala membru tal-familja u għaldaqstant tollerat b'ċertu mġiba. Fix-xhieda tiegħu s-Sur Mark Aquilina jgħid li kien tollerat li s-Sur Joseph Aquilina juża l-vann għal użu personali anzi jgħid li ma kinitx problema. Is-Sur Mark Aquilina jkompli jagħmel emfasi fuq il-fatt li ħaddiem membru tal-familja għandu ċertu privileġġi; *"Għax ma nistgħux niċħdu illi membru tal-familja ikun stmat daqsxejn iktar, illaxkat iktar minn ħaddieħor."*

It-Tribunal jinnota minn din ix-xhieda jidher li diġà kien hemm kultura ta' laxkezza fil-kumpanija u fil-każ ta' ħaddiema membri tal-familja l-laxkezza kienet oltre. Dan jagħmilha ferm diffiċli biex wieħed jiddistingwi bejn dak li hu tollerat fil-każ ta' membri tal-familja u dak li mhuwiex. Dan jagħti lok għal ħafna ambigwità u lok għal konflitti. Il-perċezzjoni ta' kif iħarsu s-Sur Mark Aquilina u s-Sur Joseph Aquilina, lejn l-istess sitwazzjonijiet preżentati quddiem dan it-Tribunal, hija evidenza biżżejjed ta' din l-ambigwità.

Is-Sur Mark Aquilina kontinwament jirreferi għas-Sur Joseph Aquilina bħala l-kuġin meta fil-verità s-Sur Mark Aquilina kien is-CEO tal-kumpanija bl-obbligu li jagħti direzzjonijiet korporattivi u s-Sur Joseph Aquilina li kien impjegat fl-istess kumpanija bħala subaltern tas-Sur Mark Aquilina, b'obbligu li jimxi fuq id-direzzjonijiet mogħtija lilu mis-CEO. Il-fatt li ż-żewġ atturi huma kuġini hija, għal fini tal-liġi, immaterjali. Minħabba f'hekk din ir-relazzjoni lavorattiva kienet serjament sfukata għaliex fl-istess ħin li l-impjegat kien obbligat li jobdi kien ukoll meqjus speċjali, għaliex huwa membru tal-familja, allura tollerat.

*"Pero bħala membru tal-familja riedna nġibuh on board";*
*"Huwa membru tal-familja u fdajnieh f'affarijiet delikati";*
*"Hu x'hinu, tifel ta' direttur"*. Seduta tal-5 ta' Frar, 2021.

Is-soċjetà kien jeħtieġilha tagħmel distinzjoni bejn iż-żewġ rwoli. Dan ma għamlitux bil-konsegwenza li l-komunika mar-rikorrent kienet waħda konfuża b'messaġġi serjament neqsin mill-kjarezza.

Ma' dan jiżdied il-faqar fil-komunikazzjoni fejn it-tgergir sar wara bibien magħluqa b'laqgħat fil-bord jew fil-weekly meetings mingħajr ma' dan it-tgergir jissarraf f'warnings bil-miktub biex l-impjegat jinżamm kontabbli. Tul perijodu ta' diversi snin fejn is-CEO qal li l-performance tar-rikorrent kienet dismali, ebda evidenza ma ntweriet li kienet turi xi komunika bil-miktub lis-Sur Joseph Aquilina fejn tikkoreġih għan-nuqqas tiegħu u fl-istess ħin twiddbu b'konsegwenzi speċifiċi jekk ikun hemm repetizzjoni tal-istess imġiba jew nuqqas. Dan kien neċessarju li jsir imma ma sarx.

**Assessment**

Is-soċjetà għamlet assessment lill-impjegati kollha inkluż lis-Sur Joseph Aquilina biex fi kliem l-istess Dr Pocock il-kumpanija jkollha stampa ċara ta' dak li qed jagħmlu l-impjegati. Iżda jidher li s-CEO ma kienx kuntent bil-*performance* u ħa deċiżjoni li jinkariga lis-Sur Joseph Aquilina fi proġett ġdid. L-*assessment* tat-12 ta' Frar, 2018 ma jikkummentax dwar il-kwalità tax-xogħol tas-Sur Aquilina imma jelenka biss il-ħidma li kien jagħmel. Infatti għalkemm dan l-eżerċizzju qed jissejjaħ *assessment*, fil-verità mhu qed jassessja xejn. La qed jiġi indikat il-livell ta' xogħol mistenni, la indikazzjoni ta' żmien meta ċertu ħidma għandha ssir, anqas kummenti tas-superjur tas-Sur Joseph Aquilina dwar il-prestazzjoni tiegħu fuq ix-xogħol u anqas indikaturi għal titjieb fl-andament tax-xogħol tar-rikorrent. Għalhekk għal fini ta' evalwazzjoni tal-prestazzjoni tas-Sur Joseph Aquilina fuq il-post tax-xogħol, dan l-assessment huwa limitat ħafna.

Minkejja dan s-Sur Mark Aquilina jgħid li ma kienx kuntent bl-andament tax-xogħol tas-Sur Joseph Aquilina u għalhekk ingħata ċans ieħor *billi qabbadnieh jieħu ħsieb il-proġett tal-Gżira*. Din id-deċiżjoni materjali li qed tbiddel in-natura tax-xogħol tar-rikorrenti ġiet biss komunikata verbalment meta kien ikun f'loku ħafna li tkun bil-miktub.

Minkejja dan, l-impressjoni hawn hija li qisu s-Sur Joseph Aquilina għamel xi ħaġa ħażina u issa sa jingħata proġett ieħor biex jingħata ċans jerġa jagħti prova tal-ħila tiegħu. F'ebda ħin ma ħareġ mix-xhieda li qabel ma sar l-assessment, il-management ġibed l-attenzjoni tar-rikorrent għal xi mġiba skorretta. Jekk dan qatt ma sar allura l-ħaddiem ma jistax jingħata tort għan-nuqqas tiegħu u għaldaqstant m'hemmx ċans ieħor x'jingħata. Iċ-ċans ieħor kien tal-management u mhux tal-impjegat biex minn issa 'l quddiem il-management jagħmel moniteraġġ fil-ħin u jiggwidaw lill-impjegat kif inhu d-dover ta' kull supervisor li jagħmel filwaqt li jagħtuh feedback kontinwa biex l-impjegat jifhem sewwa x'inhu mistenni minnu. Wara dan l-istess impjegat ikun mistenni li jilħaq il-livell mixtieq. Minkejja li t-tieni *assessment* sar biss għal dawk il-ħaddiema li kienu għadhom mhux juru progress sodisfaċenti, mill-evidenza jidher li xejn minn dan ma sar bejn l-ewwel assessment fi Frar u t-tieni assessment f'Ġunju tal-2018. Seduta 12 ta' Marzu, 2021 paġna 9.

It-tieni assessment jaqra "Progress noted by Joseph Aquilina" jiġifieri progress sar. Dan l-assessment jelenka x-xogħol li sar mir-rikorrent, segwit minn lista ta' lmenti mressqa mis-Sur Joseph Aquilina. L-assessment jispiċċa billi jagħti xi miri li jridu jintlaħqu iżda ma jingħatax żmien meta suppost iseħħu għajr għal kwotazzjoni li kellha tidħol sa Awwissu imma ma jgħidx ta' liema sena.  Għal darba oħra dan l-*assessment* ma joffri l-ebda analizi ta' kif ir-rikorrent sejjer fuq il-post tax-xogħol jew it-titjieb li kien mistenni minnu, jekk kien il-każ. Li nafu ġej biss mix-xhieda tal-konverzazzjonijiet bejn ir-rikorrenti u s-Sur Mark Aquilina u Dr Pocock waqt li kien qed iseħħ l-*assessment*. Għalhekk dan l-assessment bħal ta' qablu huwa limitat.

*Performance assessment* tirrikjedi dokument imħejji għal dan l-iskop fejn l-skop prinċipali tal-funzjoni u l-objettivi li l-impjegat irid jilħaq ikunu elenkati b'mod ċar. Magħhom ikun hemm indikazzjoni ta' meta il-ħidma trid issir u l-metodu li bih sa jsir il-moneteraġġ. Dan kollu kien nieqes mill-*assessment* li tressaq quddiem it-Tribunal.

Meta jkun hemm problema ta' *performance*, in-norma hija li s-superjur jagħmel pjan ta' coaching b'targets u żmien speċifiċi li l-impjegat mistenni jilħaq. Isir ukoll moneteraġġ u jingħata *feedback* regolari li fl-aħħar tal-perijodu l-impjegat ikun jaf eżatt fejn qiegħed. Dan jidher li anqas ma sar imma l-impjegat tħalla jimxi bil-mod tiegħu, seduta 12 ta' Marzu, 2021 paġna 9 filwaqt li;

*konna ngergru kull gimgħa. Jekk mhux kull ġimgħa, kull ħmistax* – kliem tas-CEO s-Sur Mark Aquilina ref sottomissjonijiet paragrafu 9.

Matul il-proċess ġudizzjarju kien jidher ċar li filwaqt li kien isir ħafna diskussjonijet jew kif isejħilhom s-Sur Mark Aquilina "tgergir", xejn minn dan ma kien ikun kommunikat b'mod effettiv lis-Sur Joseph Aquilina. Minkejja d-tgergir kollu, anqas warning letter waħda qatt ma nħarġet fil-konfront tar-rikorrenti. Mhux hekk biss imma anqas nota fil-fajl personali tal-impjegat ma kienet titpoġġa. Skont is-CEO il-komunika kienet issir verbalment. Din l-imġiba li fil-kuntest lavorattiv tissejjaħ imġiba passiva u mhux assertiva, tagħti lok għal ambigwità, turi livel ta' tolleranza mhix mixtieqa fuq post tax-xogħol u għalhekk nieqsa serjament minn messaġġi ċara għall-impjegat biex itejjeb il-prestazzjoni tiegħu.

Din il-letarġija tkompli toħroġ biċ-ċar iżjed meta s-CEO s-Sur Mark Aquilina jgħid li għal l-aħħar sentejn jiġifieri bejn Ġunju 2018 u Mejju 2020 s-Sur Joseph Aquilina kien jieħu paga prattikament ta' xejn. Sitwazzjoni bħal din tirrifletti aktar fuq is-soċjetà milli fuq l-impjegat għaliex tikkristallizza l-istqarrija tas-Sur Mark Aquilina dwar il-laxkezza fil-kumpanija, in-nuqqas ta' warnings meta

jkunu meħtiega, nuqqas ta' komunikazzjoni effettiva mal-impjegat u l-assenza totali ta' passi dixxiplinarji meta progress mir-rikorrent ma kienx reġistrat.

Hawn is-soċjetà kellha toħroġ warnings ċari li jelenkaw in-nuqqas u b'aktar mod ċar jindika l-konsegwenzi jekk kemm-il darba l-imġiba ħażina terġa' tirrepeti ruħha. F'dak il-każ kellhom jittieħdu passi dixxiplinarji bi proċess trasparenti. Dan baqa' ma sar qatt.

**<u>Użu personali ta' petrol mhux awtorizzat</u>**

L-użu ta' petrol mhux awtorizzat huwa nuqqas serju ħafna. Però jibqa' l-fatt li il-kumpanija ddeċidiet li ma tiħux passi dixxiplinarji u għal darba oħra anqas biss ma ħarġet warning letter. F'ċirkostanzi bħal dawn, warning letter hija importanti għaliex tispeċifika ċar in-nuqqas x'kien, tinċita r-regolament li jkun inkiser u twissi li repetizzjoni ta' nuqqas bħal dan iwassal għal konsegwenzi speċifiċi. F'każ ta' allegat serq is-soċjetà kellha lok ċar biex tieħu passi dixxiplinarji jekk mhux ukoll tagħmel rapport lill-Pulizija. Minflok is-soċjetà aċċettat il-ħlas allegat dovut mingħand missier ir-rikorrent filwaqt li ħarġet l-ittra tas-6 ta' Awwissu, 2018 li hija nieqsa minn dan id-dettall importanti u għalhekk ma tistax tikkwalifika bħala warning letter. Is-soċjetà waqfet hemm u ma ħaditx passi dixxiplinarji. Allura la l-kumpanija stess ddeċidiet li ma tiħux passi dixxiplinarji, mhux sa jkun it-Tribunal li jagħmel xogħol il-management u allura t-Tribunal jikkonsidra dan l-inċident magħluq u mhux ser jikkunsidrah għal fini tad-deċiżjoni f'dan il-każ.

**<u>Terminazzjoni tal-impjieg</u>**

Id-deċiżjoni li jkun terminat l-impjieg tas-Sur Joseph Aquilina ttieħdet fil-laqgħa tal-bord tal-5 ta' Frar, 2021 fil-preżenza tas-Sur Joseph Aquilina (senior). Il-fatt li missier ir-rikorrent kien preżenti għal-laqgħa ma jfisser xejn għar-rigward tad-drittijiet tar-rikorrent. Is-Sur Mark Aquilina xehed li waqt il-laqgħa qal li kien hemm bżonn jittieħdu passi dixxpilinarji, ħaġa neċessarja u aċċettata fid-dinja tax-xogħol.

Però fil-każijiet kollha ta' dixxiplina l-impjegat għandu d-dritt ikun jaf x'inhi l-akkuża li fuqha kien sa jkun suġġett għad-dixxiplina u anki jkollu d-dritt li jiddefendi lilu nnifsu u jingħata żmien jippreparar lilu nnifsu għal dan. Kull ħaddiem għandu d-dritt għal proċess bħal dan u filwaqt li dan l-element ta' twissija u proċess dixxiplinarju mhuwiex l-uniku element li t-Tribunal jikkonsidra f'każijiet bħal dawn, jibqa' l-fatt li dan huwa element important. Il-ġustizzja mhux biss issir imma trid tidher li qed issir. Smigħ tal-veduti tal-partijiet kollha fil-każ huwa element bażiku ta' smigħ ġust. Fil-każ ta' tkeċċija li f'lingwaġġ popolari jitqies bħala l-piena kapitali tal-qasam lavorattiv, proċess bħal dan jassumi importanza akbar għaliex il-konsegwenzi fuq il-persuna involuta u l-familja tagħha huma konsiderevoli. F'dan il-każ dan il-proċess kien maqbuż kompletament u l-impjegat anqas kellu ċ-ċans li jiddefendi lilu nnifsu. Dan imur kontra kull sens ta' ġustizzja naturali.

It-Tribunal jinnota ukoll l-inkonsistenza f'din il-laqgħa għaliex f'nifs jingħad li għandhom jittieħdu passi dixxiplinarji u f'nifs ieħor jiġi deċiż li r-rikorrent jitkeċċa bla proċess dixxiplinarju.

**<u>Deċiżjoni</u>**

Wara li t-tribunal eżamina u evalwa d-dikjarazzjoni tal-każ, testimonjanzi, dokumenti u sottomissjonijiet tal-partijiet u wara konsiderazzjoni ta' dawn, it-Tribunal, wara li ħares lejn l-elementi tal-każ fit-totalità u l-komplessità tagħhom, jiddeċiedi li r-rikorrent s-Sur Joseph Aquilina kien terminat mix-xogħol inġustament u għalhekk mhux skont il-liġi.

**<u>Kumpens</u>**

Is-soċjetà Golden Harvest Manufacturing Company Limited tħallas b'kumpens lis-Sur Joseph Aquilina fi żmien tliet xhur minn din id-data s-somma ta' €28,096.00 (tmienja u għoxrin elf u sitta u disgħin euro) ikkalkolati fuq is-

salarju mħallas għas-sena 2019 skont l-FS3 final settlement ippreżentata mir-rikorrent.

L-ispejjeż tal-kawża taż-żewġ partijiet huma a karigu tas-soċjetà intimata jiġifieri l-Golden Harvest Manufacturing Company Limited.

Joseph Gerada
Chairperson